ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 13 IT-TLIETA 19 TA' FRAR 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2013 fil-5.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fil-5.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Margaret Mercieca, Robert Cremona, Charles Farrugia, u Sean Meli.

Il-Kunsilliera Jason Busuttil, Antoine Saliba Haig u Jerome Caruana Cilia kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**13/01 RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI 2012**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju għas-sena Jannar-Diċembru 2012, liema rapport kien iċċirkulat u meħud bħala moqri. **DOK 'A'**

**Is-Sindku** rrimarkat li dan ir-rapport diga tressaq fil-laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi li gie approvat u qed jigi mressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Is-Sindku** talbet lill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella sabiex jispjega b'mod dettaljat dan id-dokument, li qed jitessaq sabiex jiġi approvat u jitressaq għall-awditjar.

**Is-Sur Christian Vella** fisser fid-dettal il-pożizzjoni tar-rapport għas-sena 2012, fejn spjega li l-akbar progetti kapitali saru fil-bidu tas-sena, fejn imbaghad il-Kunsill qaghad attent hafna sabiex l-effett fuq l-indikaturi jkunu minimi. Fil-fatt is-Sur Vella innota li l-indikatur spiċċa negattiv ghar-raguni li l-provizjoni li kienet qed isir fuq ic-citazzjonijiet

qeghdin jinqatghu ftit ftit li ovvjament ser ihallu effett negattiv fuq l-indikatur finanzjarju.

Huwa fisser li l-Kunsill kellu daqqa ta' ħarta fl-LES, u li ghandu jipprova jigbor xi ftit mic-citazzjonijiet li baqghu pendenti

**Is-Sindku** rrimarkat li l-Kunsill savings ta' madwar €40,000, matul dawn l-ahhar xhur u li issa jehtieg li fis-snin li gejjin jibda' jsir xoghol infrastrutturali fosthom bini ta' bankini godda.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** rrimarka li l-Kunsill ghandu jirrikorri ghand ir-Regjun sabiex tghaddi id-devoluzzjoni tal-bozoz fuq ir-Regjun ghaliex dan ikun ifisser li l-Kunsill jiffranka spiza ta' madwar €40,000 fis-sena. Il-Vici-Sindku semma wkoll li hemm alternattivi ohrajn fejn ir-Regjun jghaddi parti mid-dhul tac-citazzjonijiet lill-Kunsilli Lokali fejn ikunu hargu l-istess multi. Il-Vici-Sindku semma wkoll li alternattiva ohra hija li r-Regjun jiehu f'idejh l-aspett kulturali fejn attivitajiet kulturali isiru b'mod holisitiku fuq bazi regjonali.

**Is-Sur Vella** qajjem punt partikulari dwar il-kwistjoni tal-Wasteserv u l-allokazzjoni ta' kull sena li l-Kunsill jirċievi mill-Gvern Ċentrali sabiex jitħallsu t-*tipping fees*. Mis-Sena 2010 il-Wasteserv bdew joħorġu invoices li jaqbżu l-ammont allokat mill-Kunsill u l-Kunsill fuq struzzjonijiet tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex isir biss ħlas skont l-ammont li qed ikun allokat mill-Gvern Ċentrali. Dan ifisser li mill-2010 'l quddiem fil-kotba tal-Kunsill iddaħħlu u tħallsu biss l-ammonti li l-Kunsill irċieva bħala allokazzjoni. Iżda sal-lum il-Kumpanija Wasteserv baqgħet turi li għandha tirċievi d-differenza mill-Kunsill Qormi, differenza li llum laqqet l-ammont ta' €73,526. Għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill jkompli jagħmel pressjoni sabiex dan kollu mill-Assoċjazzjoni jkollu livell legali.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** rringrazzjat lill-*Accountant* għall-ispjega li ta lill-Kunsill u pproponiet li l-Kunsill japprova dan ir-rapport.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u dan id-dokument issa għandu jintbagħat lill-Awditur Generali sabiex jinbeda l-awditjar tas-sena 2012.

**13/02 ESTMI ANNWALI 2013**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet abbozz tal-*Annual Budget* 2013 li gie diskuss u approvat mill-Kumitat tal-Finanzi.

**DOK 'B'**

Il-Kunsill qabel unanimament li jikkonsidra dan id-dokument fil-laqgha sussegwenti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.con li tinħareġ is-sejħa tal-Contract Manager u jiddeciedi aktar 'il quddiem dwar l-aġġudikazzjoni tagħha.

**13/03 DIKJARAZZJONI**

Il-Kunsillier Ralph Puli xtaq jirregistra dikjarazzjoni f'isem il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista, fejn wera d-dizapprovazzjoni li gie infurmat gurnata qabel biss taz-zjara li kien ghamel il-Kap tal-Oppozizzjoni fi Gnien Federiku Maempel u sabiex ifakkar lill-Kunsill li ghandu jzomm lura milli jkun partiggjan peress li fiz-zjara msemmija hawn fuq kienet wahda partiggjana fejn il-media stess irrapurtat li kien hemm kori partiggjani li fl-opinjoni tieghu ma jaghtux imagini newtrali li gvern lokali ghandu jkollu.

Is-Sindku Rosianne Cutajar spjegat li hija giet infurmata biz-zjara dakinhar stess li gew infurmata il-kunsilliera, u li kienet ix-xewqa tal-Kap tal-Oppozizzjoni li jigi jzur progett tal-Kunsill Lokali fejn hija laqghet immedjatament. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li ghal din l-attivita' kien hemm hafna nies li kien difficli tikkontrollahom milli jkantaw kanzunetti politici, ghalkemm hija sostniet li min-naha taghha kellmet lil diversi nies biex inehhu mkatar politici ghaliex din kienet proprja attivita' fuq livell ta' gvern lokali u mhux politika. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li fil-fatt ma gewx mistiedna l-ebda kandidat ta' xi partit u lanqas xi rapprezentanti ta' xi partit politiku.

**13/04 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2013 fis-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-06:15 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)